32002D0158

23.2.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 53/28

# ID-DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-13 ta' Diċembru 2001 dwar il-mobilizzazzjoni ta' l-istrument tal-flessibilità (paragrafu 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina tal-baġit u titjib tal-proċedura tal-baġit)

(2002/158/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-*budget* u titjib tal-proċedura tal-*budget* (1), partikolarment il-paragrafu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta għal Regolament tal-Kunsill bl-għan li tiġi promossa l-konverżjoni ta' bastimenti u tas-sajjieda li, sa l-1999, kienu jiddependu fuq il-Fftehim tas-Sajd mal-Marokk (COM(2001) 384 - 2001/0163(CNS)) (2),

Wara li kkunsidraw il-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' konċiljazzjoni bejn il-Kunsill u d-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, fejn il-Kummissjoni ukoll ħadet sehem, li saret fil-21 u fit-22 ta' Novembru 2001 dwar it-tieni qari mill-Kunsill ta' l-abbozz tal-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena' finanzjarja 2002,

Billi:

(1) Wara li ma ġiex irrinovat il-Ftehim tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, il-Kunsill Ewropew ta' Nizza għamel sejħa lill-Kummissjoni biex tibgħat proposti bl-għan li tiġi ristrtturata l-flotta tal-Komunità li kienet topera fl-ibħra tal-Marokk.

(2) Il-miżura mmirata għall-konverżjoni tal-flotot Spanjoli u Portugiżi li ġew proposti mill-Kummissjoni fit-18 ta'Lulju 2001, stmata EUR 197 miljun, tipprovdi għal miżuri simili għal dawk iffinanzjati mill-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) u hija mmudellata fuq il-metodi ta' ħidma tagħha, minkejja li tipproponi arranġamenti speċjali għall-flotot ikkonċernati.

(3) Din il-miżura taqa' taħt l-intestatura 2 "Operazzjonijiet Strutturali", subintestatura "Fondi Strutturali", tal-perspettiva finanzjarja u tissupplimenta l-ammonti kumpensatirji assenjati f'dan il-kuntest minn Jannar 2000.

(4) Miżuri biex dawk ir-reġjuni li bi fruntieri ma' pajjiżi applikanti jingħataw għajnuna huma ppjanati b'*budget* ta' EUR 30 miljun fl-2002 taħt l-intestatura 2 "Operazzjonijiet Strutturali" bħala parti mill-inizzjattiva Interreg tal-Komunità.

(5) Skond il-paragrafu 12, it-tieni paragrafu, tal-Fteim Interistituzzjonali, l-ammonti assenjati għall-miżuri kollha koperti bl-intestatura 2 "Operazzjonijiet Strutturali" tal-perspettiva finanzjarja ma jippermettux marġini.

(6) Il-kondizzjonijiet għall-użu ta' l-Istrument tal-Flessibilità, skond kif stabbiliti fil-paragrafu 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali, huma, għalhekk, sodisfatti,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-*budget* ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2002, l-Istrument tal-Flessibilità għandu jintuża biex tiġi pprovduta s-somma ta' EUR 200 miljun f'approprijazzjonijiet impenjati.

*Artikolu 2*

Minn din is-somma, EUR 170 miljun għandhom jintużaw biex tiġi ffinanzjata l-miżura mmirata għall-promozzjoni tal-konverżjoni tal-bastimenti u sajjieda li, sa l-1999, kienu jiddependu fuq il-Ftehim tas-Sajd mal-Marokk, li huwa kopert mill-intestatura "Operazzjonijiet Strutturali" fil-perspettiva finanzjarja, taħt il-linja ġdida B2-2 0 0 N tal-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2002.

(1) ĠU C 172, 18.06.1999, p. 1.
(2) ĠU C 270 E, 25.09.2001, p. 266.

Il-EUR 30 miljun li jibqa' għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri biex tissaħħah il-kompetittività tar-reġjuni bi fruntieri mal-pajjiżi kandidati taħt il-Kapitolu B2-1 4, "Inizzjattivi tal-Komunità" bħala parti mill program Interreg.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (serje L) fl-istess żmien mal-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2002 (1).

Magħmula f'Strasburgu, fit-13 ta' Diċembru 2001.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| N. FONTAINE | J. VANDE LANOTTE |

(1) ĠU L 29, tal-31.1.2002